**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 311/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Frankie Falzon**

Illum l-4 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Frankie Falzon**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 138078(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Lulju 2017 għall-ħabta ta' bejn 12.30hrs u 22.00hrs ġewwa l-Gżejjer Maltin:

1. naqas li josserva jew kiser xi waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu minn Ordni ta' Protezzjoni liema ordni nħarġet b'sentenza definittiva datata 8 ta' Mejju 2017 maħruġa mill-Onor. G. Mercieca LL.D. fejn il-Qorti kienet

ipprovdiet għas-sigurta ta' Haywell u Hailee Falzon għall-perjodu ta' sitt xhur;

2. ġewwa Triq F. Farrugia, Ħaż-Żebbuġ volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli liema ħsara tammonta għal elfejn, mija u wieħed u tletin Euro (€2131) għad-dannu ta' Diane Azzopardi;

3. insulenta u hedded jew inġurja bil-kliem jew b'xi mod ieħor lil Diane Azzopardi u Doris Briffa.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tapplika Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Ġunju 2022 fejn il-Qorti:

- Wara li rat Artikoli 325(1)(ċ), 339(1)(e) u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih u kkundannatu piena ta' sitt (6) xhur priġunerija kif ukoll multa ta' elf Euro (€1,000);

- Wara li rat Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-imputat iħallas is-somma ta' elf, disa' mija, wieħed u tletin Euro u ħdax-il ċenteżmu (€1,931.11) rappreżentanti kumpens tal-ħsara li kkaġunalha fi żmien sena waħda wara li jiskonta s-sentenza ta' priġunerija. Din l-ordni saret *ai termini* ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex f'każ ta' nuqqas ta' ħlas, l-istess ammont ikun jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

- Wara li rat Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin kontra l-ħati a favur ta' Diane Azzopaerdi u Doris Briffa għal perjodu tas-sentejn mid-data tar-remissjoni tal-piena u li kellha tagħti effett għal kull ma hemm imsemmi f'Artikolu 412Ċ(3)(6)(8)-

(11) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li għandhom japplikaw *mutatis mutandis;*

- L-Ewwel Qorti ordnat komunika lill-Kummissarju tal-Pulizija;

- Peress li l-Ewwel Qorti qieset li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet li huwa jidher għaddej minnhom, wara li l-Ewwel Qorti rat Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' sentejn minn dakinhar tas-sentenza u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness mas-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. L-Ewwel Qorti ddikjarat li għamlet din l-Ordni ta' Trattament wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jiftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn Ordni ta' Trattament kif ukoll ir-responsabilita' tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-Ordni ta' Trattament.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabitu ħati tal-akkużi hekk kif dedotti madanakollu tirrevedi l-piena għal waħda aktar ekwa, ġusta u miti u li verament tirrispekkja l-fatti tal-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm tal-Avukat Ġenerali u rat li l-konsulent legali tal-appellant ma ppreżenta l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet kif mistieden jagħmel fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2023.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu sabitu ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu b'dan illi talab li din il-Qorti tvarja l-piena nflitta u minflok timponi piena aktar ekwa, ġusta u miti.

Illi b'hekk il-*gravam* sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. L-appellant jilmenta li fil-mori tal-proċeduri ħareġ biċ-ċar illi kien għaddej minn perjodu ferm diffiċli konsegwenza ta' diversi fatturi fosthom li ħass in-nuqqas ta' uliedu kif ukoll illi kien dipendenti fuq id-droga. Jgħid li rnexxielu jagħmel programm tad-droga b'suċċess u li għandu diversi opportunitajiet ta' xogħol. Jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet ħarxa wisq miegħu.

Illi huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi fir-rigward tal-piena relatata mal-ewwel (1) imputazzjoni u ċioè dik li tirrigwarda n-nuqqas ta' osservanza ta' kondizzjoni ta' Ordni ta' Protezzjoni, din il-Qorti tinnota li Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie sostwit b'Att Numru XIII tal-2018 u ġialadarba l-piena ġiet aktar gravuża u ġialadarba l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant jirreferu għas-sena 2017

u l-piena ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dak iż-żmien kienet aktar favorevoli għalih b'hekk għandha tiġi applikata l-piena kif kienet qabel l-Artikolu msemmi ġie sostwit fis-sena 2018. Artikolu 412Ċ(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien jaqra hekk:

> "Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-akkużat jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taħt dan l-artikolu, huwa jkun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati jeħel multa ta' elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien."

Illi wara li din il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak li ngħad hawn fuq u kif ukoll tal-piena relatata mat-tieni (2) u mat-tielet (3) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-appellant u dana fir-rigward tal-piena li l-Ewwel Qorti setgħet timponi fil-konfront tal-istess appellant għall-imputazzjonijiet li huwa ġie misjub ħati tagħhom, din il-Qorti filwaqt li tinnota li l-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati, fir-rigward tal-multa nflitta din kienet waħda anqas minn dik permess mil-liġi. Peress li l-Avukat Ġenerali ma ressaq l-ebda appell dwar dan, b'hekk ma jista' jsir xejn aktar dwarha.

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota li dak li wassal lill-appellant jagħmel dak li huwa ġie misjub ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti (u li issa fi stadju ta' appell qed jitlob li jiġi konfermat għajr għall-piena erogata mill-Ewwel Qorti) ma kellu qatt isir u dana peress li l-interessi tal-*parte civile* qegħdin hemm ukoll u ma jistgħux jiġu mwarrba. Meħud dan in konsiderazzjoni, inkluż dak li jirriżulta mill-atti proċesswali nkluż ukoll id-depożizzjoni mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti mill-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud (*a fol.* 61 *et seq.*) u dak li jirriżulta mis-*Social Inquiry Report* (Dok. "MM 1" – *a fol.* 64 *et seq.*) redatt minnha, għandu jingħad li ma tressqet l-ebda raġuni valida quddiem din il-

Qorti minħabba liema din il-Qorti b'xi mod jew ieħor setgħet tikkunsidra li tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi fir-rigward ta' dak li qalet l-Ewwel Qorti fid-*decide* tas-sentenza tagħha fir-rigward tal-applikazzjoni ta' Artikoli 15A, 382A u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinnota li anke dawn għandhom jibqgħu hemm sabiex il-*parte civile* jiġu mħarsa u sabiex ikun jista' jinżamm bilanċ fir-rigward tal-persuni nvoluti f'dan il-każ.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ma teżisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula, liema piena għalhekk ser tibqa' invarjata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Frankie Falzon u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**